



2025/126

27.1.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/126

tal-24 ta' Jannar 2025

li tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2767 fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valuri referenzjarji għal ċerti produttori u importaturi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026

(notifikata bid-dokument C(2025) 390)

(It-testi bl-Estonjan, bil-Pollakk u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2767 ⁽²⁾ tiddetermina l-valuri referenzjarji għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026 għal kull produttur jew importatur li jkun qiegħed legalment fis-suq l-idrofluworokarburi għall-perjodu referenzjarju rilevanti, f'konformita mar-Regolament (UE) 2024/573.
- (2) Jeħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2767 tiġi kkoreġuta sabiex jiġu rettifikati l-iżbalji fir-rigward ta' xi importaturi u produttori. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi kkoreġut l-indirizz ta' żewġ impriżi. It-tieni, żewġ impriżi ma kellhomx jirċievu valur referenzjarju peress li ma kellhomx reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, żewġ impriżi li rċevew valuri referenzjarji individwali ngħaqdu f'impriża waħda qabel l-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u għalhekk dik l-impriża unika biss jenħtieġ li tibqa' fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u l-valur referenzjarju tagħhom jenħtieġ li jiġi adattat skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2024/573. Fl-aħħar nett, impriża waħda kellha tirċievi valur referenzjarju u għalhekk jenħtieġ li tiżdied fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2767 tapplika mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk jenħtieġ li l-korrezzjonijiet introdotti b'din id-Deċiżjoni japplikaw mill-istess data.

⁽¹⁾ ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj>.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2767 tat-30 ta' Ottubru 2024 li tiddetermina, skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri referenzjarji għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026 għal kull produttur jew importatur li legalment qiegħed l-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2024/2767, 15.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2767/oj).

- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, stabbilit bl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2024/573,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Korrezzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2767

1. Fl-Artikolu 3, ir-ringiela 634 li ġejja hija sostitwita b'dan li ġej:

“(634)	54469	QUZHOU JUSHARE CHEMICAL CO., LTD kif irrappreżentata minn NAVIS INTERNATIONAL TRADE AND CONSULTING OÜ Pärnu mnt 113 11312 Harju maakond, Kesklinna linnaosa Tallinn L-ESTONJA”
--------	-------	---

2. Fl-Artikolu 3, titħassar ir-ringiela 836 li ġejja:

“(836)	41211	NEW GAS DI LARA GOLDONI Via Roma 4 42019 Scandiano L-ITALJA”
--------	-------	---

3. Fl-Artikolu 3, titħassar ir-ringiela 842 li ġejja:

“(842)	9973	NIPPON GASES REFRIGERANTS S.R.L. Via Benigno Crespi 19 20159 Milan L-ITALJA”
--------	------	---

4. Fl-Artikolu 3, titħassar ir-ringiela 1127 li ġejja:

“(1127)	34808	BESTCOOL SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ ul. Podwisłocze 21/IIIP/2 35-309 Rzeszów IL-POLONJA”
---------	-------	---

5. Fl-Artikolu 3, ir-ringiela 1401 li ġejja hija sostitwita b'dan li ġej:

“(1401)	33788	TLENSPAW S.C. ul. Hallera 12 63-300 Pleszew IL-POLONJA”
---------	-------	--

6. Fl-Artikolu 3, tiżdied ir-ringiela 1542 li ġejja:

“(1542)	41147	TLEN SPAW Sławomir Pacholczyk ul. Stawiszyńska 177 62-800 Kalisz IL-POLONJA”.
---------	-------	---

7. L-Anness I tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/2767 huwa kkoreġut f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Data tal-applikazzjoni

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2025.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(1)	54469	QUZHOU JUSHARE CHEMICAL CO., LTD kif irrappreżentata minn NAVIS INTERNATIONAL TRADE AND CONSULTING OÜ Pärnu mnt 113 11312 Harju maakond, Kesklinna linnaosa Tallinn L-ESTONJA
(2)	41211	NEW GAS DI LARA GOLDONI Via Roma 4 42019 Scandiano L-ITALJA
(3)	9973	NIPPON GASES REFRIGERANTS S.R.L. Via Benigno Crespi 19 20159 Milan L-ITALJA
(4)	20846	NIPPON GASES INDUSTRIAL S.R.L. Via Benigno Crespi 19 20159 Milan L-ITALJA
(5)	34808	BESTCOOL SPÓŁKA Z OGRANICZONĄ ODPOWIEDZIALNOŚCIĄ Podwislocze 21/III/2 35-309 Rzeszów IL-POLONJA
(6)	33788	TLENSPAW S.C. ul. Hallera 12 63-300 Pleszew IL-POLONJA
(7)	41147	TLEN SPAW Sławomir Pacholczyk Stawiszyńska 177 62-800 Kalisz IL-POLONJA

Magħmul fi Brussell, l-24 ta’ Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“ANNESS I

Il-valuri referenzjarji ⁽¹⁾ msemija fil-punt 4(a) tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2024/573 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2026 għal kull produttur u importatur li għalih disponibbli d-*data* dwar it-tqegħid legalment fis-suq tal-idrofluworokarburi fl-Unjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2023.”

⁽¹⁾ (Tagħrif kummerċjalment sensittiv — kunfidenzjali — ma għandux jiġi ppubblikat).